MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Appell Civili Numru. 12/2009

**Joseph Farrugia**

**vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Fis-16 ta' Settembru, 2009 l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

> **"**L-Arbitru
>
> Ra l-appell
>
> Ra r-risposta
>
> Ikkunsidera

> Illi l-appellant ipprova jiggustifika l-ispalpaljar tal-kapital li kien fis-pussess tieghu billi allega li hallas xi djun (lil huh) u xi renovazzjoni fid-dar tieghu. Dana pero' wara l-akkadut.
>
> L-appell ma jistax jigi milqugh.**”**

Ir-rikorrenti Joseph Farrugia appella minn din id-decizjoni bl-aggravju ewlieni illi l-Arbitru ghamel apprezzament hazin ta’ l-istat finanzjarju tieghu, u dan mhux biss ghaliex hu ma rrikorra fl-ebda sparpaljar ta’ l-assi kapitali li kellu izda kull sehem li seta’ kellu minn investimenti intuza biex jigi saldat id-dejn li kellu mal-Bank biex xtara l-post fejn joqghod;

Jinghad b’preambulari illi kif, drabi ohra sostenut minn din il-Qorti, “f’kazijiet ta’ din ix-xorta fejn kollox jiddependi fuq il-valur u l-kredibilita` tal-provi, il-formazzjoni tal-konvinciment f’min hu msejjah biex jarbitra hi dipendenti fuq il-valutazzjoni ta’ dawk il-provi li hu jqis l-aktar idoneji. Dejjem skond gurisprudenza pacifika din il-valutazzjoni hi insindakabbli minn qorti ta’ revizjoni jekk tirrizulta logika u koerenti ma’ l-elementi utilizzati u hi sostenuta minn motivazzjoni kongruwa li turi l-kriterju logiku segwit”. Ara “**Anna Faniello -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**”, Appell Inferjuri, 7 ta’ Frar, 2007. Jinzel mid-decizjoni appellata f’dan il-kaz illi ghalkemm il-motivazzjoni taghha hi wahda xotta u skarna ghall-ahhar minn approfondiment, minnha wiehed jista’, b’danakollu, jislet dawk l-elementi bastanti tal-fatti apprezzati li fuqhom l-Arbitru ffonda d-decizjoni tieghu;

Premess dan, il-provi dokumentali ezistenti fl-inkartament tal-kaz juru illi fl-4 ta’ Settembru 2008 l-appellanti applika *ex novo* ghall-ghajnuna socjali (SA) billi allega tibdil fil-qaghda finanzjarja tieghu wara li kienet twaqqfitlu dik l-istess ghajnuna fil-21 ta’ Marzu, 2008. Id-Direttur appellat ma kienx sodisfatt illi dik it-talba gdida kienet meritevoli ta’ akkoljiment u b’avviz tal-11 ta’ Settembru, 2008 baghat

jinforma lill-appellanti bid-decizjoni tieghu tan-non-approvazzjoni ghal motiv li kien irrizultalu illi r-rizorsi kapitali tieghu kienu jeccedu l-massimali prefiss mit-Test tal-Mezzi skond it-Tieni Skeda ta’ l-Att dwar is-Sigurta` Socjali;

Evidentement, huwa apparenti minn dik id-decizjoni illi d-Direttur appellat ma kienx taha affidament lid-diversi allegazzjonijiet ta’ l-appellanti illi hu kien iddispona mill-kapital li kellu f’Jannar 2008 (cirka €52,000) biex (i) jiskonta d-dejn li kellu mal-Bank of Valletta fuq zewg loans li kkuntratta ghalihom, (ii) inkorra certi spejjez ta’ rinnovazzjoni fid-dar tieghu u, ukoll, (iii) li l-flejjes depozitati f’*joint fund* ma’ huh Francis kienu effettivament ta’ l-istess huh li lilu gew eventwalment ittrasferiti fil-25 ta’ Frar, 2008 u fid-29 ta’ Frar, 2008 (ara ittra tal-Manager Personal Banking tal-fergha tal-Bank of Valletta, Hamrun tas-16 ta’ April, 2008);

Mill-ezami ta’ l-atti dik id-decizjoni tad-Direttur hi, fil-fehma ta’ din il-Qorti, ghal kollox logika u koerenti mal-konstatazzjonijiet u l-verifiki minnu maghmula. Huwa kjarament ovvju bosta illi kull wahda mill-allegazzjonijiet ta’ l-appellanti la kienet attendibbli u lanqas affidabbli. Dan ghall-konsiderazzjonijiet ta’ fatt u ta’ dritt li jsegwu:-

1. It-total tal-loans bankarji gie mill-appellanti interament pagat lura lill-Bank mutwanti sat-12 ta’ Marzu, 2004;

2. L-appellanti, li fuqu kien jaggrava l-piz tal-prova ta’ l-ispejjez allegatament inkorsi fir-rinnovament tal-post tieghu, baqa’ ma pproduca ebda prova dokumentali, bhal fatturi u ricevuti, attestanti dik in-nefqa. Huwa veru illi hu seta’ jaghmel dik il-prova b’mezzi ohra rikonoxxuti mid-dritt probatorju imma huwa veru wkoll illi, kif ikkummentat minn din il-Qorti, l-appellanti lanqas jista’ jippretendi illi d-Direttur kellu, fl-assenza ta’ dik il-prova bi kwalsiasi mezz, ta’ bilfors jassumi li l-allegazzjoni verbali tieghu ta’ certu nfiq kellha titqies ghal kollox attendibbli. “Dan avolja hu

ma jkunx forna fil-gudizzju, u ankorke kienet tonqos il-prova tar-ricevuti, provi ohra inkonfutabbli u ta' min jorbot fuqhom bhal, per ezempju, id-dikjarazzjonijiet jew ix-xhieda tal-persuni li allegatament ezegwew ix-xoghlijiet riparatrici jew ta' manutenzjoni fil-fond tar-residenza tieghu". Ara d-decizjoni ta' din il-Qorti tas-17 ta' Ottubru, 2008 fl-ismijiet "**John Grech -vs- Direttur tas-Sigurta` Socjali**";

3. Finalment, mhix lanqas kredibbli l-asserzjoni ta' l-appellanti illi mill-fondi li kellu *f'joint account* ma' huh ma kellu l-ebda sehem minnhom, ghaliex dawn kienu eskluzivament ta' l-istess huh. L-atti dokumentali ma jissufragawx din l-inverita` in kwantu minnhom jidderivi illi dawk il-fondi kienu l-provenjent ta' investiment tieghu u ta' huh flimkien u fi kowti ndaqs, kif facilment attestat mid-dokumenti relattivi ta' dawn l-investimenti minn fol. 13 sa fol. 23 ta' l-inkartament, b'uhud minnhom mibjugha fuq struzzjonijiet ta' l-istess appellanti u ta' huh mill-BOVI – Private Banking fil-11 ta' Marzu, 2004 u fl-1 u l-5 ta' Frar, 2008;

F'dawn ic-cirkostanzi, in bazi wkoll ghal konsiderazzjonijiet superjorment maghmula, l-appellanti ma jistax certament ilum lid-Direttur li ma approvax l-applikazzjoni tieghu ghall-Ghajnuna Socjali.

Ghal motivi predetti din il-Qorti qed tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ispejjez relattivi jibqghu kif pacifikament konswet bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------